II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 605/2010

tat-2 ta' Lulju 2010

li jistipula l-kundizzjonijiet ta' saħħa tal-annimali u ta' saħħa pubblika kif ukoll iċ-ċertifikazzjoni veterinarji għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' ħalib mhux ipproċessat u prodotti tal-ħalib maħsuba għall-konsum uman

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman [1], u b'mod partikolari l-frażi tal-introduzzjoni tal-Artikolu 8, l-ewwel subparagrafu tal-punt (1) u l-punt (4) tal-Artikolu 8 u l-Artikolu 9(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel [2], u partikolarment l-Artikolu 12 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali [3], u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman [4], b'mod partikolari l-Artikolu 11(1) u 14(4) and l-Artikolu 16 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali [5], u b'mod partikolari l-Artikolu 48(1) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/46/KEE tas-16 ta' Ġunju 1992 li tistabbilixxi r-regoli tas-saħħa għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' ħalib mhux ipproċessat, ħalib trattat bis-sħana u prodotti bbażati fuq il-ħalib [6] ipprevediet lista li għandha titfassal ta' pajjiżi terzi jew ta' partijiet minnhom, li minnhom l-Istati Membri kellhom jawtorizzaw l-introduzzjoni ta' ħalib jew ta' prodotti b'bażi tal-ħalib u biex prodotti bħal dawn ikunu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa u jikkonformaw ma' ċerti rekwiżiti, inklużi rekwiżiti ta' trattamenti tat-tisħin, u garanziji.

(2) Konsegwentement, ġiet adottata d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/438/KE tad-29 ta' April 2004 li tippreskrivi kondizzjonijiet ta' ċertifikazzjonijiet ta' saħħa tal-annimali u saħħa pubblika u veterinarji għad-dħul fil-Komunità ta' ħalib trattat bis-sħana, prodotti bbażati fuq il-ħalib u ħalib mhux maħdum maħsuba għall-konsum mill-bniedem [7].

(3) Mid-data tal-adozzjoni ta' dik id-Deċiżjoni 'l hawn, ġie stipulat għadd ta' rekwiżiti ġodda tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika, li jikkostitwixxi qafas regolatorju f'dan il-qasam, u li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni f'dan ir-Regolament. Barra minn hekk, id-Direttiva 92/46/KEE ġiet revokata permezz tad-Direttiva 2004/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li tirrevoka ċerti direttivi rigward iġjene tal-ikel u kondizzjonijiet ta' saħħa għall-produzzjoni u sabiex ikun mqieġħda fis-suq ċerti prodotti li joriġinaw mill-annimali intżi li għall-konsum mill-bniedem [8].

[1] ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.
[2] ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1.
[3] ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.
[4] ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206.
[5] ĠU L 165, 30.4.2004, p. 206.
[6] ĠU L 268, 14.9.1992, p. 1
[7] ĠU L 154, 30.4.2004, p. 72.
[8] ĠU L 157, 30.4.2004, p. 33.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel ([1]), jistipula l-prinċipji ġenerali li jirregolaw l-ikel u l-għalf b'mod ġenerali, u s-sikurezza tal-ikel u l-għalf b'mod partikolari, fil-livell tal-Unjoni Ewropea u f'dak nazzjonali.

(5) Id-Direttiva 2002/99/KE tistabbilixxi r-regoli li jiddeterminaw l-introduzzjoni minn pajjiżi terzi ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali li huma maħsuba għall-konsum uman. Din tipprevedi li prodotti bħal dawn iridu jiġu introdotti biss fl-Unjoni Ewropea jekk jikkonformaw mar-rekwiżiti applikabbli għall-istadji kollha tal-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni ta' dawk il-prodotti fl-Unjoni Ewropea jew jekk joffru garanziji ekwivalenti tas-saħħa tal-annimali.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 jistipula r-regoli ġenerali għall-operaturi tan-negozju tal-ikel dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel fl-istadji kollha tal-katina alimentari, inkluż fil-livell primarju tal-produzzjoni.

(7) Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 jistipula regoli speċifiċi għall-operaturi tan-negozju tal-ikel fuq l-iġjene tal-ikel li joriġina mill-annimali. Dak ir-Regolament jipprevedi li l-operaturi tan-negozju tal-ikel li jipproduċu l-ħalib mhux ipproċessat u prodotti tal-ħalib maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Anness III tiegħu.

(8) Ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq il-prodotti li joriġinaw mill-annimali.

(9) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar il-kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti tal-ikel ([2]) jistipula l-kriterji mikrobijoloġiċi għal ċerti mikroorganiżmi u r-regoli ta' implimentazzjoni li jridu jikkonformaw magħhom l-operaturi fin-negozju tal-ikel fl-implimentazzjoni tal-miżuri ġenerali u speċifiċi ta' iġjene msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004. Ir-Regolament (KE) Nru 2073/2005 jipprevedi li l-operaturi tan-negozju tal-ikel għandhom jiżguraw li l-oġġetti tal-ikel jikkonformaw mal-kriterji mikrobijoloġiċi rilevanti stipulati f'dak ir-Regolament.

(10) Fl-ambitu tad-Direttiva tal-Kunsill 92/46/KEE, il-ħalib mhux ipproċessat u l-prodotti tiegħu setgħu jinkisbu biss mill-baqar, in-ngħaġ, il-mogħoż jew il-bufli. Minkejja dan, id-definizzjonijiet ta' ħalib mhux ipproċessat u prodotti tal-ħalib stipulati fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 jwessgħu l-ambitu tar-regoli tal-iġjene tal-ħalib għall-ispeċi kollha tal-mammali u jiddefinixxu l-ħalib mhux ipproċessat bħala ħalib maħlub mill-glandoli mammarji ta' annimali mrobbija, li ma ġiex imsaħħan sa iktar minn 40 °C jew li għadda minn xi trattament b'effett ekwivalenti. Barra minn hekk, ir-Regolament jiddefinixxi prodotti tal-ħalib bħala prodotti proċessati li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' ħalib mhux ipproċessat jew mill-ipproċessar ulterjuri ta' prodotti pproċessati bħal dawn.

(11) Fid-dawl tad-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti (KE) Nri 852/2004, 853/2004 u 854/2004 u l-atti li jimplimentaw dawk ir-Regolamenti, jeħtieġ li jiġu emendati u aġġornati l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti tal-Unjoni Ewropea ta' ċertifikazzjoni tas-saħħa pubblika u dik tal-annimali għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea tal-ħalib mhux ipproċessat u prodotti tal-ħalib maħsuba għall-konsum uman.

(12) Fl-interessi ta' konsistenza tal-liġi tal-Unjoni, dan ir-Regolament għandu jieħu inkunsiderazzjoni r-regoli stipulati fir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-istabbiliment ta' limiti ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 u li jemenda d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) u r-regoli tiegħu ta' implimentazzjoni stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 tat-22 ta' Diċembru 2009 dwar is-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-limiti massimi ta' residwu fl-oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali ([4]) u d-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li jirrevoka d-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE ([5]).

(13) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/93/KE tas-17 ta' Diċembru 1996 dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-annimali u tal-prodotti tal-annimali ([6]) tistipula r-regoli li għandhom jiġu osservati fil-ħruġ ta' ċertifikati obbligati mil-leġiżlazzjoni veterinarja biex tiġi evitata ċertifikazzjoni qarrieqa jew falza. Huwa xieraq li jiġi żgurat li r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni mill-inqas ekwivalenti għal dawk stipulati f'dik id-Direttiva jiġu applikati mill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi li qed jesportaw.

([1]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.
([2]) ĠU L 338, 22.12.2005, p. 1.
([3]) ĠU L 152, 16.06.2009, p. 11.
([4]) ĠU L 15, 20.1.2010, p. 1.
([5]) ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10.
([6]) ĠU L 13, 16.1.1997, p. 28.

(14) Barra minn dan, id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-iċċekkjar, veterinarju u zootekniku applikabbli għall-kummerċ intra-Kommunitarju ta' ċertu annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern [1], tipprevedi sistema kompjuterizzata li tqabbad flimkien awtoritajiet veterinarji li ġiet żviluppata fl-Unjoni Ewropea. Il-format tal-mudelli kollha taċ-ċertifikati tas-saħħa jeħtieġ li jiġi emendat biex jieħu inkunsiderazzjoni l-kompatibilità tagħhom maċ-ċertifikazzjoni elettronika possibbli fi TRACES (Trade Control and Expert System) prevista fid-Direttiva 90/425/KEE. Għalhekk, ir-regoli stipulati f'dan ir-Regolament għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni TRACES.

(15) Id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi [2] tistabbilixxi regoli li jikkonċernaw il-verifiki veterinarji fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali introdotti fl-Unjoni Ewropea minn pajjiżi terzi għall-importazzjoni jew it-tranżitu tagħhom, inklużi ċerti rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni. Dawk ir-regoli huma applikabbli għall-prodotti kollha koperti minn dan ir-Regolament.

(16) Għandhom jiġu previsti kundizzjonijiet speċifiċi għat-tranżitu li jgħaddi minn ġo l-Unjoni Ewropea ta' kunsinni lejn ir-Russja u minnha, minħabba l-qagħda ġeografika ta' Kaliningrad, li tikkonċerna biss il-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja.

(17) Fl-interessi taċ-ċarezza tal-liġi Ewropea, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/438/KE għandha tiġi revokata u mibdula b'dan ir-Regolament.

(18) Biex jiġi evitat kull tip ta' tħarbit fil-kummerċ, l-użu ta' ċertifikati tas-saħħa maħruġa skont id-Deċiżjoni 2004/438/KE għandu jkun awtorizzat matul perjodu ta' tranżizzjoni.

(19) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Is-suġġett u l-ambitu

Dan ir-Regolament jistipula li:

(a) il-kundizzjonijiet ta' saħħa pubblika u ta' saħħa tal-annimali u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' kunsinni ta' ħalib mhux ipproċessat u prodotti tal-ħalib;

(b) il-lista ta' pajjiżi terzi li minnhom hija awtorizzata l-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' kunsinni bħal dawn.

[1] ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29.
[2] ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9.

Artikolu 2

L-importazzjonijiet ta' ħalib mhux ipproċessat u prodotti tal-ħalib minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom elenkati fil-kolonna A tal-Anness I

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjonijiet ta' kunsinni ta' ħalib mhux ipproċessat u prodotti tal-ħalib minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom elenkati fil-kolonna A tal-Anness I

Artikolu 3

L-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-ħalib minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom elenkati fil-kolonna B tal-Anness I

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' kunsinni ta' prodotti tal-ħalib imnissla mill-ħalib mhux ipproċessat tal-baqar, in-nagħaġ, il-mogħoż jew il-bufli minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom li ma għandhomx riskju tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer elenkati fil-kolonna B tal-Anness I, sakemm dawn il-prodotti tal-ħalib ikunu għaddew minn, jew ikunu ġew prodotti minn ħalib mhux ipproċessat li għadda minn, trattament ta' pasturizzazzjoni li tinvolvi trattament wieħed ta' tisħin:

(a) b'effett ta' tisħin mill-inqas ekwivalenti għal dak miksub minn proċess ta' pasturizzazzjoni ta' mill-inqas 72 C għal 15-il sekonda;

(b) fejn applikabbli, biżżejjed li tiġi żgurata reazzjoni negattiva għat-test ta' alkaline phosphatase li jiġi applikat immedjatament wara t-trattament ta' tisħin.

Artikolu 4

L-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-ħalib minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom elenkati fil-kolonna C tal-Anness I

1. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' kunsinni ta' prodotti tal-ħalib imnissla mill-ħalib mhux ipproċessat tal-baqar, in-nagħaġ, il-mogħoż u l-bufli minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom li ma għandhomx riskju tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer elenkati fil-kolonna C tal-Anness I, sakemm dawn il-prodotti tal-ħalib ikunu għaddew minn, jew ikunu ġew prodotti minn ħalib mhux ipproċessat li għadda minn, trattament ta' tisħin li jinvolvi:

(a) proċess ta' sterilizzazzjoni, biex jinkiseb valur ta' F_0 ta' tlieta jew aktar;

(b) trattament ta' temperatura partikolarment għolja (ultra high temperature - UHT) ta' mhux inqas minn 135 °C flimkien ma' ħin adattat ta' ħażna;

(c) (i) trattament ta' pasturizzazzjoni ta' temperatura għolja u ħin qasir (high temperature short time pasteurisation treatment - HTST) fi 72 °C għal 15-il sekonda applikat darbtejn għall-ħalib b'pH daqs jew iktar minn 7.0 li jikseb, meta applikabbli, reazzjoni negattiva għal test ta' alkaline phosphatase, applikat minnufih wara t-trattament ta' sħana; jew

(ii) trattament b'effett ta' pasturizzazzjoni ekwivalenti għall-punt (i) li jikseb, fejn applikabbli, reazzjoni negattiva għal test ta' alkaline phosphatase, applikat minnufih wara t-trattament ta' sħana;

(d) trattament HTST tal-ħalib b'pH taħt is-7.0; jew

(e) trattament HTST ikkombinat ma' trattament fiżiku ieħor billi jew:

(i) jitnaqqas il-pH taħt is-6 għall-siegħa, inkella

(ii) isir tisħin addizzjonali ta' 72 °C jew iktar, ikkombinat ma' tnixxif.

2. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' kunsinni ta' prodotti tal-ħalib imnissla mill-ħalib mhux ipproċessat tal-baqar, in-ngħaġ, il-mogħoż u l-bufli minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 1, minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom li għandhom riskju tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer elenkati fil-kolonna C tal-Anness I, sakemm dawn il-prodotti tal-ħalib ikunu għaddew minn, jew ikunu ġew prodotti minn ħalib mhux ipproċessat li għadda minn, trattament li jinvolvi:

(a) proċess ta' sterilizzazzjoni, biex jinkiseb valur ta' F_0 ta' tlieta jew aktar; jew

(b) trattament ta' temperatura partikolarment għolja (UHT) ta' mhux inqas minn 135 °C flimkien ma' ħin adattat ta' ħażna;

Artikolu 5

Iċ-ċertifikati

Il-kunsinni awtorizzati għall-importazzjoni skont l-Artikoli 2, 3 u 4 għandhom jiġu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa mfassal skont il-mudell xieraq stipulat fil-Parti 2 tal-Anness II għall-prodott ikkonċernat u mimli skont in-noti ta' spjegazzjoni stipulati fil-Parti 1 ta' dak l-Anness.

Madankollu, ir-rekwiżiti stipulati f'dan l-Artikolu ma għandhomx jeskludu l-użu taċ-ċertifikazzjoni elettronika jew ta' sistemi miftiehma oħra, armonizzati fil-livell tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 6

Il-kundizzjonijiet ta' tranżitu u ħażna

L-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' kunsinni ta' ħalib mhux ipproċessat u prodotti tal-ħalib li mhumiex maħsuba għall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea iżda intenzjonati għal pajjiż terz kemm jew permezz ta' tranżitu immedjat inkella wara ħażna fl-Unjoni Ewropea, skont l-Artikoli 11, 12 jew 13 tad-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE, għandha tkun awtorizzata biss jekk il-kunsinni jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikunu ġejjin minn pajjiż terz jew parti minnu awtorizzata għall-introduzzjoni fil-Komunità ta' kunsinni tal-ħalib mhux ipproċessat jew prodotti tal-ħalib u jikkonformaw mal-kundizzjonijiet adattati ta' trattament ta' tisħin għal kunsinni bħal dawn, kif previst fl-Artikoli 2, 3 u 4;

(b) ikunu jikkonformaw mal-kundizzjonijiet speċifiċi tas-saħħa tal-annimali għal importazzjoni ġewwa l-Unjoni Ewropea tal-ħalib mhux ipproċessat jew il-prodott mill-ħalib ikkonċernat, kif stipulat fl-attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali fil-Parti II.1 tal-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa mfassal fil-Parti 2 tal-Anness II;

(c) ikunu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa mfassal skont il-mudell xieraq stipulat fil-Parti 3 tal-Anness II għall-kunsinna kkonċernata u mimli skont in-noti ta' spjegazzjoni stipulati fil-Parti 1 ta' dak l-Anness.

(d) ikunu ċċertifikati bħala aċċettabbli għat-tranżitu, inkluż għall-ħażna kif xieraq, fuq id-dokument komuni veterinarju tad-dħul imsemmi fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 136/2004 [1], iffirmat mill-veterinarju uffiċjali tal-istazzjon ta' spezzjoni fil-fruntiera ta' introduzzjoni ġewwa l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 7

Id-derogi fir-rigward ta' kundizzjonijiet ta' tranżitu u ħażna

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 6, għandu jiġi awtorizzat it-tranżitu fuq it-triq jew bil-ferrovija bejn l-istazzjonijiet ta' spezzjoni maghżula fuq il-fruntieri madwar l-Unjoni Ewropea għal-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja elenkati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/821/KE [2], ta' kunsinni li ġejjin mir-Russja jew fi triqthom lejha, direttament jew minn pajjiż terz ieħor, bil-kundizzjoni li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-kunsinna tkun issiġillata b'siġill enumerat f'serje fl-istazzjon ta' spezzjoni fil-fruntiera ta' dħul fl-Unjoni Ewropea mis-servizzi veterinarji tal-awtorità kompetenti;

(b) id-dokumenti li jakkumpanjaw il-kunsinna u msemmija fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 97/78/KE għandhom ikunu ttimbrati "GĦAT-TRANŻITU LEJN IR-RUSSJA BISS B'PASSAĠĠ MINN ĠEWWA L-UE" fuq kull paġna mill-veterinarju uffiċjali tal-awtorità kompetenti responsabbli mill-istazzjon tal-is pezzjoni konfinali;

(c) ikun hemm konformità mar-rekwiżiti dwar il-proċedura stipulati fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 97/78/KE;

[1] ĠU L 21, 28.1.2004, p. 11.
[2] ĠU L 296, 12.11.2009, p. 1

(d) il-kunsinna tkun iċċertifikata bħala aċċettabbli għat-tranżitu fuq id-dokument komuni veterinarju tad-dħul mill-veterinarju uffiċjali tal-istazzjon tal-ispezzjoni konfinali ta' introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea.

2. M'għandhomx ikunu permessi l-ħatt jew il-ħażna kif imfissra fl-Artikolu 12(4) jew fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 97/78/KE ta' kunsinni bħal dawn fit-territorju tal-Unjoni Ewropea.

3. Għandhom isiru verifiki regolari mill-awtorità kompetenti biex ikun żgurat li l-għadd ta' kunsinni u l-kwantitajiet ta' prodotti li jħallu t-territorju tal-Unjoni Ewropea jaqbel mal-għadd u l-kwantitajiet li qed jidħlu fl-Unjoni Ewropea.

Artikolu 8

It-trattament speċifiku

Il-kunsinni ta' prodotti tal-ħalib awtorizzati għall-introduzzjoni ġewwa l-Unjoni Ewropea skont l-Artikoli 2, 3, 4, 6 jew 7 minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom fejn seħħet tifqigħa tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fil-perjodu ta' 12-il xahar qabel id-data taċ-ċertifikat tas-saħħa, jew li wettqu tilqim kontra dik il-marda matul dak il-perjodu, għandhom jiġu awtorizzati biss għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea jekk prodotti bħal dawn għaddew minn wieħed mit-trattamenti elenkat fl-Artikolu 4.

Artikolu 9

Ir-revoka

Id-Deċiżjoni 2004/438/KE hija revokata.

Ir-referenzi għad-Direttiva 2004/438/KE għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 10

Id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali

Għal perjodu tranżizzjonali sal-30 ta' Novembru 2010, il-kunsinni ta' ħalib mhux ipproċessat u prodotti b'bażi tal-ħalib kif definiti fid-Deċiżjoni 2004/438/KE li fir-rigward tagħha nħarġu ċ-ċertifikati tas-saħħa rilevanti skont id-Deċiżjoni 2004/438/KE jistgħu jkomplu jiġu introdotti fl-Unjoni Ewropea.

Artikolu 11

Id-dħul fis-seħħ u l-applikabilità.

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*

Għandu japplika mill-1 ta' Awissu 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Lulju 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNESS I

Il-lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minnhom awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' kunsinni ta' ħalib mhux ipproċessat jew prodotti tal-ħalib u li tindika t-tip ta' trattament ta' tisħin obbligat għal dawn il-prodotti

"+": il-pajjiż terz huwa awtorizzat

"0": il-pajjiż terz mhuwiex awtorizzat

Il-Kodiċi ISO tal-pajjiż terz	Il-pajjiż terz jew parti minnu	Il-kolonna A	Il-kolonna B	Il-kolonna C
AD	L-Andorra	+	+	+
AL	L-Albanija	0	0	+
AN	L-Antilli Olandiżi	0	0	+
AR	L-Arġentina	0	0	+
AU	L-Awstralja	+	+	+
BR	Il-Brażil	0	0	+
BW	Il-Botswana	0	0	+
BY	Il-Belarus	0	0	+
BZ	Il-Beliże	0	0	+
BA	Il-Bożnja u Ħerżegovina	0	0	+
CA	Il-Kanada	+	+	+
CH	L-Iżvizzera (*)	+	+	+
CL	Iċ-Ċili	0	+	+
CN	Iċ-Ċina	0	0	+
CO	Il-Kolombja	0	0	+
CR	Il-Kosta Rika	0	0	+
CU	Kuba	0	0	+
DZ	L-Alġerija	0	0	+
ET	L-Etjopja	0	0	+
GL	Greenland	0	+	+
GT	Il-Gwatemala	0	0	+
HK	Ħong Kong	0	0	+
HN	Il-Ħonduras	0	0	+
HR	Il-Kroazja	0	+	+
IL	L-Iżrael	0	0	+
IN	L-Indja	0	0	+
IS	L-Iżlanda	+	+	+
KE	Il-Kenja	0	0	+

Il-Kodiċi ISO tal-pajjiż terz	Il-pajjiż terz jew parti minnu	Il-kolonna A	Il-kolonna B	Il-kolonna C
MA	Il-Marokk	0	0	+
MG	Madagaskar	0	0	+
MK (**)	L-*Ex* Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja	0	+	+
MR	Il-Mawritanja	0	0	+
MU	Il-Mawrizju	0	0	+
MX	Il-Messiku	0	0	+
NA	In-Namibja	0	0	+
NI	In-Nikaragwa	0	0	+
NZ	New Zealand	+	+	+
PA	Il-Panama	0	0	+
PY	Il-Paragwaj	0	0	+
RS (***)	Is-Serbja	0	+	+
RU	Ir-Russja	0	0	+
SG	Singapor	0	0	+
SV	El Salvador	0	0	+
SZ	Is-Sważiland	0	0	+
TH	It-Tajlandja	0	0	+
TN	It-Tuneżija	0	0	+
TR	It-Turkija	0	0	+
UA	L-Ukraina	0	0	+
US	L-Istati Uniti	+	+	+
UY	L-Urugwaj	0	0	+
ZA	L-Afrika t'Isfel	0	0	+
ZW	Iż-Żimbabwe	0	0	+

(*) Iċ-ċertifikati huma skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132.).

(**) L-*ex* Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja; in-nomenklatura definittiva għal dan il-pajjiż se tinftiehem wara l-konklużjoni tan-negozjati li għaddejjin bħalissa dwar dan is-suġġett fil-livell ta' NU.

(***) Ma jinkludix il-Kosovo li bħalissa jinsab taħt amministrazzjoni internazzjonali skont ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill ta' Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1244 tal-10 ta' Ġunju 1999.

ANNESS II

PARTI 1

Il-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa

"Milk-RM": Ċertifikat tas-saħħa għall-ħalib mhux ipproċessat minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom awtorizzati fil-kolonna A tal-Anness I maħsub għal proċessar ulterjuri fl-Unjoni Ewropea qabel ma jintuża għall-konsum uman.

"Milk-RMP": Ċertifikat tas-saħħa għall-prodotti tal-ħalib imnissla minn ħalib mhux ipproċessat għall-konsum uman, minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom awtorizzati fil-kolonna A tal-Anness I maħsuba għall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea.

"Milk-HTB": Ċertifikat tas-saħħa għall-prodotti tal-ħalib imnissla mill-ħalib tal-baqar, in-ngħaġ, il-mogħoż u l-bufli għall-konsum uman minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom awtorizzati fil-kolonna B tal-Anness I maħsuba għall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea.

"Milk-HTC": Ċertifikat tas-saħħa għall-prodotti tal-ħalib għall-konsum uman minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom awtorizzati fil-kolonna C tal-Anness I maħsuba għall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea.

"Milk-T/S": Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-ħalib mhux ipproċessat jew il-prodotti tal-ħalib għall-konsum uman, għat-trażitu/il-ħażna fl-Unjoni Ewropea.

In-noti ta' spjegazzjoni

(a) Iċ-ċertifikati tas-saħħa għandhom jinħarġu mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz tal-oriġini, skont il-mudell xieraq stipulat fil-Parti 2 ta' dan l-Anness, skont il-format tal-mudell li jikkorrispondi għall-ħalib mhux ipproċessat jew il-prodotti tal-ħalib ikkonċernati. Għandu jkun fihom, fl-ordni enumerata li tidher fil-mudell, l-attestati mitluba għal kull pajjiż terz u, skont kif ikun il-każ, dawk il-garanziji supplimentari mitluba għall-pajjiż terz esportatur ikkonċernat.

(b) L-oriġinal taċ-ċertifikat tas-saħħa għandu jikkonsisti minn paġna waħda stampata fuq iż-żewġ naħat jew, fejn ikun meħtieġ aktar test, b'mod li l-paġni kollha jiffurmaw entità sħiħa u li ma tistax tinfired.

(c) Irid jiġi ppreżentat ċertifikat separat, uniku għal kull kunsinna tal-prodott ikkonċernat, esportat lejn l-istess destinazzjoni minn pajjiż terz elenkat fil-kolonna 2 tat-tabella fl-Anness I u ttrasportat fl-istess vagun tal-ferrovija, vettura tat-triq, ajruplan jew bastiment.

(d) L-oriġinal taċ-ċertifikat tas-saħħa u t-tikketti msemmija fiċ-ċertifikat mudell għandhom jitfasslu mill-inqas f'ilsien uffiċjali wieħed tal-Istat Membru fejn issir l-ispezzjoni konfinali u tal-Istat Membru destinatarju. Madankollu, dawk l-Istati Membri jistgħu jippermettulu li jitfassal f'ilsien uffiċjali ieħor tal-Unjoni Ewropea minflok tagħhom, akkumpanjat, jekk ikun meħtieġ, minn traduzzjoni uffiċjali.

(e) Fejn ikun hemm paġni addizzjonali mehmuża maċ-ċertifikat tas-saħħa għall-iskop li jiġu identifikati l-oġġetti li jiffurmaw il-kunsinna, dawk il-paġni addizzjonali għandhom jitqiesu li jiffurmaw parti miċ-ċertifikat oriġinali, dejjem jekk il-firma u t-timbru tal-veterinarju uffiċjali li jiċċertifika jidhru fuq kull paġna.

(f) Fejn iċ-ċertifikat tas-saħħa jinkludi iktar minn paġna waħda, kull paġna għandha tkun enumerata "–x(*numru tal-paġna*) minn y(*numru totali ta' paġni*)–" fil-parti t'isfel tal-paġna u għandu jkollha fuqha n-numru ta' referenza taċ-ċertifikat allokat mill-awtorità kompetenti fil-parti ta' fuq tal-paġna.

(g) L-oriġinal taċ-ċertifikat tas-saħħa jrid jimtela u jiġi ffirmat minn rappreżentant tal-awtorità kompetenti responsabbli li tivverifika u tiċċertifika li l-ħalib mhux ipproċessat jew il-prodotti tal-ħalib jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fit-Taqsima IX, il-Kapitolu I tal-Anness III għar-Regolament (KE) nru 853/2004 u fid-Direttiva 2002/99/KE'.

(h) L-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz esportatur għandhom jiżguraw li l-prinċipji taċ-ċertifikazzjoni ekwivalenti għal dawk stipulati fid-Direttiva 96/93/KE [1] jitħarsu.

(i) Il-lewn tal-firma tal-veterinarju uffiċjali għandu jkun differenti minn dak tal-istampar fuq iċ-ċertifikat tas-saħħa. Dan ir-rekwiżit għandu japplika wkoll għal timbri apparti t-timbri intaljati jew dawk tal-marka tal-ilma.

(j) L-oriġinal taċ-ċertifikat tas-saħħa jrid jakkumpanja l-kunsinna sakemm tasal l-istazzjon ta' spezzjoni fil-fruntiera ta' introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea.

(k) Meta ċ-ċertifikat mudell jiddikjara li ċerti dikjarazzjonijiet għandhom jinżammu kif xieraq, dikjarazzjonijiet li ma jkunux rilevanti, jistgħu jinqatgħu u jitniżżlu l-inizjali u t-timbru mill-uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni, jew jitħassru kompletament miċ-ċertifikat.

[1] ĠU L 13, 16.1.1997, p. 28.

PARTI 2

Mudell Milk-RM

Ċertifikat tas-Saħħa għall-ħalib mhux ipproċessat minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom awtorizzati fil-kolonna A tal-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 605/2010 maħsub għal proċessar ulterjuri fl-Unjoni Ewropea qabel ma jintuża għall-konsum uman.

PAJJIŻ: **Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-kunsinja mibgħuta

I.1. Kunsinnatur Isem Indirizz Tel.		I.2. Numru ta' ċertifikat ta' riferenza	Tel.
		I.3. Awtorità ċentrali kompetenti	
		I.4. Awtorità lokali kompetenti	
I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodiċi Postali Tel.		I.6.	
I.7. Pajjiż ta' oriġini	IKodiċi ISO	I.8. Reġjun ta' oriġini	Kodiċi
I.9. Pajjiż ta' destinazzjoni	Kodiċi ISO	I.10.	
I.11. Pajjiż ta' oriġini Isem Indirizz	Numru ta ' approvazzjoni	I.12.	
I.13. Post ta' tgħabija		I.14. Data ta' tluq	
I.15. Mezz ta' trasport Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐ Vejikolu tat-triq ☐ Oħrajn ☐ Identifikazzjoni: Referenzi Dokumentarji:		I.16. BIP tad-dħul fl-UE	
		I.17.	
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott		I.19. Kodiċi tal-Komodità (Kodiċi HS)	
		I.20. Kwantità	
I.21. Temperatura ta' prodotti Ambjent ☐ Imkessaħ ☐ Friżat ☐		I.22. Numru ta' pakketti	
I.23. Numru tas-sigill/tal-kontenitur		I.24. Tip ta' ippakkettar	
I.25. Prodotti ċċertifikati Aktar ipproċessar ☐			
I.26.		I.27. Għall-importazzjoni jew l-ammissjoni fl-UE ☐	

I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti

Speċi (isem xjentifiku)	Impjant tal-manifattura	Numru ta' pakketti	Piż nett	Numru tal-baċċ

Mudell Milk-RM

IL-PAJJIŻ **Ħalib mhux ipproċessat**

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.1 Ċertifikazzjoni tas-Saħħa tal-Annimali

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li jien konxju mid-dispożizzjonijiet rilevanti fid-Direttiva 2002/99/KE u r-Regolament (KE) Nru 853/2004 u b'dan niċċertifika li l-ħalib mhux ipproċessat deskritt hawn fuq inkiseb minn annimali:

(a) taħt il-kontroll tas-servizz veterinarju uffiċjali,

(b) li kienu f'pajjiż jew f'parti minnu ħielsa mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer u r-rinderpest (pesta tal-bovini) għall-perjodu ta' mill-iqas 12-il xahar qabel id-data ta' dan iċ-ċertifikat, u fejn ma twettaqx tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul dak il-perjodu.

(c) ġejjin minn impriżi li ma kenux taħt restrizzjonijiet minħabba l-marda tal-ilsien u d-dwiefer jew ir-rinderpest, u

(d) soġġetti għal spezzjonijiet veterinarji regolari biex jiżguraw li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali stipulati fil-Kapitolu I tat-Taqsima IX tal-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u fid-Direttiva 2002/99/KE;

II.2 Ċertifikazzjoni tas-Saħħa Pubblika

Jien, l-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li jien konxju mid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 852/2004, (KE) Nru 853/2004 u (KE) Nru 854/2004 u b'dan niċċertifika li l-ħalib mhux ipproċessat deskritt hawn fuq ġie prodott skont dawk id-dispożizzjonijiet, b'mod partikolari li:

(a) ġej minn impriżi reġistrati skont ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 u kkontrollati skont l-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 854/2004,

(b) ġie prodott, inġabar, tkessaħ, inħażen u ġie ttrasportat skont il-kundizzjonijiet speċifiċi tal-iġjene stipulati fil-Kapitolu I tat-Taqsima IX tal-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 853/2004,

(c) jissodisfa l-kriterji tal-plate count u tal-għadd somatiku taċ-ċelloli stipulati fil-Kapitolu I tat-Taqsima IX tal-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 853/2004,

(d) ma fihx residwi antibijotiċi li jaqbżu l-limiti awtorizzati fl-Anness għar-Regolament (UE) Nru 37/2010,

(e) il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom forniti mill-pjanijiet tar-residwi mressqa skont id-Direttiva 96/23/KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tagħha, huma sodisfatti.

(f) ma fihx residwi ta' pestiċidi li jaqbżu l-limiti awtorizzati permezz tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, u

(g) ma fihx kontaminanti li jaqbżu t-tolleranzi massimi stipulati mir-Regolament (KE) Nru 1881/2006.

Noti

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għal ħalib mhux ipproċessat minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom awtorizzati fil-kolonna A tal-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 605/2010 maħsub għal proċessar ulterjuri fl-Unjoni Ewropea qabel ma jintuża għall-konsum uman.

Parti I:

— Kaxxa ta' referenza I.7: Agħti l-isem u l-kodiċi ISO tal-pajjiż jew il-parti tiegħu kif jidhru fl-Anness I għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 605/2010.

— Kaxxa ta' referenza I.11: L-isem, l-indirizz u n-numru tal-approvazzjoni tal-istabbiliment minn fejn intbagħtu.

— Kaxxa ta' referenza I.15: In-numru ta' reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejner u vettura tat-triq), numru tat-titjira (ajruplan) jew isem (bastiment). F'każ ta' ħatt jew tagħbija mill-ġdid, min qed jikkunsinna għandu jinforma lill-istazzjon tal-ispezzjoni tal-fruntiera bid-dħul tiegħu fl-Unjoni Ewropea.

— Kaxxa ta' referenza I.19: Uża l-kodiċi adattata tas-Sistema Armonizzata (HS – Harmonised System) tal-Organizzazzjoni Doganali Dinjija: 04.01; 04.02 jew 04.03.

Mudell Milk-RM

IL-PAJJIŻ **Ħalib mhux ipproċessat**

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

— Kaxxa ta' referenza I.20: Indika l-piż gross totali u l-piż nett totali.

— Kaxxa ta' referenza I.23: Għal kontejners jew kaxex, għandu jiġi inkluż in-numru tal-kontejner u n-numru tas-siġill (fejn applikabbli).

